AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR181841, Press Release Issue Date: Aug 30, 2018

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jixtieq jinforma lill-pubbliku li, wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmi prodott m'għandux jiġi kkunsmat minn persuni li huma allerġiċi/intolleranti għall-proteina tal-ħalib minħabba li nstab li fih proteina tal-ħalib li mhix iddikjarata fuq it-tikketta.

Isem tal-prodott: Vegan Protein – Vanilla Macaroon Flavour
Ditta: QNT
Użin: 500g
Numru tal-lott: L703972/2
Data tad-Durabbiltà: 07/2020

Peress li l-kumpanija involuta rrappurtat li l-konsenja nxtrat kollha mill-konsumatur, dan id-direttorat qed joħroġ dan l-avviż.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.

